MISSJONI DJOĊESANA

# IL-LAJĊI HUMA MSEJĦIN BIEX JEVANĠELIZZAW



"Għeżież fidili lajċi li taħdmu f'diversi oqsma tas-soċjetà, intom kollha msejħin biex tieħdu parti fix-xandir tal-Evanġelju b'mod dejjem aktar importanti." *(Benedittu XVI, Messaġġ għall-ġurnata Missjunarja 2008)*

- "**Kull vokazzjoni għandha l-għeruq tagħha fis-sagrament tal-Magħmudija**. B'mod partikulari jeħtieġ li niskopru dejjem iżjed *il-vokazzjoni li hi proprja tal-lajċi*, imsejħa għalhekk biex « ifittxu s-saltna t'Alla billi jieħdu ħsieb il-ħwejjeġ tad-dinja u jmexxuhom skont Alla » u wkoll biex iwettqu « id-dmirijiet proprji tagħhom fil-Knisja u fid-dinja [...] bil-ħidma tagħhom għall-evanġelizzazzjoni u l-qdusija tal-bnedmin » (Gwann Pawlu II, Novo millennio ineunte, n.46)
- Il-familja wkoll hi msejħa biex tevanġelizza, mhux biss fi ħdanha (l-edukazzjoni Nisranija tal-ulied), imma wkoll bħala unità li tevanġelizza familji oħra.

**ĊELEBRAZZJONI DJOĊESANA TA' KRISTU RE**
***"KULL META TIEKLU DAN IL-ĦOBŻ..." (1 Kor 11,26)***
**Pjazza Savina fl-4.30p.m.**

Illum il-Knisja tiċċelebra l-festa ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu. Ningħaqdu flimkien bħala knisja waħda biex niċċelebraw pubblikament l-imħabba tagħna lejn l-Ewkaristija. Flimkien mal-martri ta' Abitene (fit-Tunisija tal-lum), li ħadu l-martirju taħt l-imperatur Djoklezjanu għax inqabdu jiċċelebraw il-quddiesa nhar ta' Ħadd, ejjew nistqarru li "mingħjar il-Ħadd ma nistgħux ngħixu"! Mingħajr l-Ewkaristija tal-Ħadd aħna ma ngħixux!

- Iċ-ċelebrazzjoni jkun fiha tliet mumenti: Espożizzjoni tal-Ewkaristija (Pjazza Savina 4.30p.m.); purċissjoni bl-Ewkaristija; adorazzjoni, talb u barka sagramentali (Pjazza Santu Wistin).
- Ikun hemm siġġijiet għal kulħadd. F'każta' maltemp, iċ-ċelebrazzjoni ssir fil-knisja tax-Xewkija.

**Illum issir il-ĠABRA GĦALL-KARITA' TAD-DJOĊESI. INKUNU ĠENERUŻI.**

## Mill-Kalendarju Djoċesan:

***It-Tnejn 24 ta' Novembru***: Lectio Divina għas-Saċerdoti Żona B (San Lawrenz 4.00p.m.)
***L-Erbgħa 26 ta' Novembru***: It-Tielet Anniversarju mill-ħatra ta' Mons Mario Grech bħala Isqof ta' Għawdex.
***Il-Ħamis 27 ta' Novembru***: Jum ir-Radd il-Ħajr għall-Ġid tal-Ħolqien.
***Il-Ġimgħa 28 ta' Novembru***: Missjoni Djoċesana: Laqgħa Djoċesana ta' Formazzjoni (Santwarju Madonna ta' Pinu 7.00p.m.)
***Is-Sibt 29 ta' Novembru***: Katekeżi tal-Avvent għaż-Żgħażagħ (Seminarju 8.30p.m.) / Musical "Maria ta' Nazaret" (Oratorju Don Bosco 7.30p.m.)

*Dun Giovanni Curmi, Segretarju Pastorali*

## It-Talba tal-ġimgħa

Mulej Ġesu, lilek ma' narakx fiżikament quddiemi, imma inti preżenti f'kull bniedem li niltaqa' miegħu. Tħallini qatt ngħaddi minn ħdejn xi bniedem li jkun fil-bżonn u bla miftaħ qalbi għalih.

gozopress • 21551534




# Bullettin tal-Ħadd

Sena Pawlina
2008 - 2009

It-34 Ħadd matul is-sena • Sena A • Id-39 Sena (2069) • 23 ta' Novembru 2008

## Ejjew, imberkin minn Missieri



"Meta jiġi Bin il-bniedem fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha miegħu, mbagħad joqgħod fuq it-tron glorjuż tiegħu. U quddiemu jinġabru l-ġnus kollha, u hu jifridhom minn xulxin, bħalma r-ragħaj jifred in-nagħaġ mill-mogħoż: in-nagħaġ iqegħedhom fuq il-lemin tiegħu u l-mogħoż fuq ix-xellug. Mbagħad is-Sultan jgħid lil dawk ta' fuq il-lemin tiegħu, 'Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja. Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni.' U s-Sultan jgħid, 'Tassew, ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi.'Mbagħad jgħid ukoll lil dawk ta' fuq ix-xellug, 'Morru minn quddiemi, misħutin, fin-nar ta' dejjem li tħejja għax-xitan u għall-anġli tiegħu. Għax jien kont bil-ġuħ u ma tmajtunix, kont bil-għatx u ma sqejtunix, kont barrani u ma lqajtunix, kont għeri u ma libbistunix, kont marid u fil-ħabs u ma ġejtux iżżuruni! u jgħidilhom, 'Tassew, ngħidilkom, dak li ma għamiltux ma' wieħed minn dawk iż-żgħar, anqas miegħi ma għamiltuh.'

**RIFLESSJONI :**

- Ġesu' waqqaf s-Saltna tiegħu fostna, u jrid li din tiġbor fiha l-bnedmin kollha.
- Lilna għażilna biex inkunu koperaturi miegħu ħalli s-saltna tiegħu tinbena fil-qalb ta' kull persuna.
- Kull att ta' mħabba li inti tagħmel ma' ħutek il-bnedmin, Ġesu' jqisu magħmul miegħu.
- Kull ċaħda ta' mħabba li ssir ma xi persuna, hija ċaħda lil Ġesu'.